Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 42/2024 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 17 ta' Diċembru 2024

Ħin: 15:30

Bdiet: 15:30

Post: Uffiċċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Skużat
Sur Clayton Cascun Portelli	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Żabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

42.1 Ittri ta' Apoloġija

42.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius u s-Sur John Boxall talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel li dawk li nfurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati.

42.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.41

42.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 41 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

42.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 36

42.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Neil Attard u s-Sur Jason Silvio ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn id-29 ta' Novembru 2024 u s-17 ta' Diċembru 2024 li kienet tammonta għall-€214,082.36.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

42.4 Komunikazzjoni oħra mill-President

42.4.1 Laqgħa mal-koordinaturi Bid Book – Belt Kapitali Ewropea 2031	Il-President semma li l-laqgħat mill-Kumitat maħtur mill-fondazzjoni beda x-xogħol. Semma wkoll li attendew għal-laqgħa li r-Reġjun kellu nhar 5 ta' Diċembru fejn hemmhekk spjegaw ukoll kif il-qafas tal-BidBook u anki l-istrateġija li r-Reġjun qed jaħdmu fuqha ser tkun f'sinerġija. Is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li hija wkoll ikkomunikat mas-Sur Rupert Cefai sabiex kif mitluba jkun jista' jagħti gwida u parir fuq l-irwol ta' Uffiċjal Maniġerjali tal-Kultura sabiex tkun tista' terġa' toħroġ is-sejħa. Semmew ukoll li wieħed għandu jara għandiex tinbidel ukoll l-eliġibbilita' għal dan il-post vakant sabiex l-applikanti jkunu wkoll ta' ċertu livell.
42.4.5 Immaniġjar tal-Iskart	Il-President semma li wara sensiela ta' laqgħat mal-Kuntrattur tal-iskart fil-preżenza tal-avukati saru timeframes realistiċi sabiex issiru l-bibs bil-logo, jitwaħħlu l-logos fuq it-trakkijiet, jintbagħtu l-workplans mill-aktar fis possibbli. Il-President semma wkoll li r-Reġjun qabbad persuna li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv jagħmlu spezzjonijiet mingħajr preavviż fuq it-trakkijiet qabel jibdew ir-rotta. Semma li l-persuna mqabbda qed iddur wara l-kollettur kull nhar ta' Tlieta u Sibt fejn jiġi ċċekkjat li dan qed jibda mingħajr skart ieħor li jkun diġà mgħobbi, jibda fil-ħin u jgħabbi skart li suppost ikun qed jgħabbi. Semma wkoll li l-ispezzjonijiet qed jibqgħu sejrin sakemm dan imur ibattal il-Magħtab u tingħata l-irċevuta mill-Wasteserv.
42.4.6 Laqgħa Reġjun Port – Strateġija	Il-President semma li kien jinstab diżappuntat bl-attendenza fqira għal-laqgħa u l-festin tal-Milied li nżammu nhar 5 ta' Diċembru.

42.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2025 u Business Plan 2025 – 2029

42.5.1 Il-President preżenta r-rapporti preżentati mis-Segretarju Eżekuttiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-overview tar-rapport u tat spjega ta' kif tqasmu l-fondi għas-sena 2025. Semmiet li r-Reġjun għandu jkun kawt u jonfoq b'effiċjenza u effettività sabiex jevita li wieħed jagħlaq is-sena finanzjara b'deficit. Semmiet ukoll li skont ċirkulari maħruġa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, l-ispiża tal-ġabra tal-iskart u tipping fees minn Jannar 2025 ser jibqgħu jitħalsu mir-Reġjun imma ma jiġux irkuprati permezz ta' fatturi maħruġa lill-Kunsilli Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li dawn ir-rapporti qed jassumu li fejn jidħol immaniġjar ta' skart u rimi d-dħul ser ikun ekwivalenti għall-ispejjeż għas-sena 2025.

42.5.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Nigel Holland, ir-rapporti ġew approvati hekk kif preżentati.

42.6 Approvazzjoni ta' Vacation Leave tal-Ħaddiema Klerikali għas-sena 2025

42.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet proposta ta' żewġ ħaddiema klerikali impjegati mar-Reġjun sabiex vacation leave li ma ntużax fis-sena 2024 ikun jista' jiġi mġedded għas-sena 2025. Spjegat li peress li huma talbu li jiġu trasferiti ammont ta' siegħat li huma eliġibbli li jiġu trasferiti għas-sena 2025 taħt il-Ftehim kollettiv tal-Ħaddiema Klerikali, il-Kumitat għandu jikkunsidra din it-talba bħala approvata.

42.6.2 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, it-talbiet kienu approvati.

42.7 Approvazzjoni tal-Performace Appraisals tal-Ħaddiema u l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv.

42.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-rapporti taż-żewġ ħaddiema klerikali. Semmiet ukoll li r-rapporti diġà ġew diskussi mal-ħaddiema kif ukoll mal-President. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard u bi qbil unanimu kien hemm qbil li l-ħaddiema jingħataw il-massimu tal-performance bonus jiġifieri 6%.

42.7.2 Il-President preżentat ir-rapport ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Filwaqt li rringrazzjaha tal-ħidma f'isem ir-Reġjun, fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech u bi qbil unanimu kien hemm qbil li l-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-performance bonus jiġifieri 15%. Il-President semma li dan ser jgħaddi lid-Diviżjoni wkoll.

42.8 Ħaddiema RSSL

42.8.1 Wara diskussjoni bejn is-Sindki l-President ħa nota tal-iskeda li fiha ser jassenja l-ħaddiema tal-RSSL sabiex jagħmlu xogħolijiet mal-Kunsilli Lokali rispettivi.

42.9 Aġġornament

42.9.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fil-17:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2025 fit-17:30 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv